**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 132 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**Vs**

**Abdussalam Elfitouri**

Illum 11 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Abdussalam Elfitouri detentur tal-karta tal-identità numru 72041A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Gunju 2020, f'xi hin bejn il-11:30hrs u 12:00hrs (nofsinhar), quddiem il-forn maghruf bhala 'Tax-Xiber', gewwa Triq l-Gharus, Xewkija, Ghawdex, u fil-hinijiet ta' wara f'dawn il-Gzejjer:

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja hekk kif impost lilu nhar it-28 ta' Mejju 2020 minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D., u dan bi ksur tal-artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u dan ghad-

detriment ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafama li persuna/i ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih, u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli ingurja jew hedded lil Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tqis lil Abdussalam Elfitouri bhala recidiv, b'sentenza jew sentenzi definittiva jew definittivi u li ma gietx jew gewx mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-allegat vittma Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat jew reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Abdussalam Elfitouri, kif ukoll tordna s-somma ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u dan skont l-artikolu 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(1)(c), Art. 339(1)(e) u Art 579 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Abdussalam Elfitouri hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u sabitu mhux hati tat-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni u minnhom illiberatu minn kull htija u piena.

Il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet tal-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess lill-imputat minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dottor Joseph Mifsud nhar it-28 ta' Mejju 2020 u ordnat l-arrest tieghu mill-gdid. Inoltre ordnat ukoll li s-somma ta' hdax-il elf ewro (€11,000) moghtija bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 383(1), 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-parte civile, qieghdet lill-hati taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn ewro (€2,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Abdussalam Elfitouri, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) **<u>tvarja</u>** s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni u lliberatu minnhom minn kull htija, tilliberah ukoll mill-ewwel akkuza u konsegwentement:

- tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-appellant jerga' jigi arrestat billi tirrevoka contario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest hekk kif koncess lilu mill-Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2020; kif ukoll
- tichad it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tordna li s-somma ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta;
- tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghas-sigurtà tal-allegat vittma Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A.

(ii) subordinarjament, f'kaz ta' sejbien ta' htija, **<u>tvarja</u>** l-piena ghal wahda li tirrispetta l-ligi ossia l-Artikolu 579 li a bazi tieghu l-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jitlef il-libertà provizorja u l-garanzija personali u konsegwentement tinfliggi pieni li tirrifletti l-fatti tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Abdussalam Elfitouri huma s-segwenti u cioè:-

**I. L-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.**

L-ewwel aggravju huwa bbazat fuq il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi b'mod partikolari tal-*proviso* tal-Artikolu 579 u cioe`:

**L-artikolu 579**

*(1) Jekk l-imputat jew akkuzat jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew jinheba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja,* ***jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda*** *jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favor il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu:*
***Izda din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.***

Jirrizulta mill-atti processwali illi l-prosekuzzjoni tibbaza l-akkuzi taghha fuq il-fatt li kien hemm kuntatt bejn l-appellant u xhud. Huwa però ta' min josserva li l-prosekuzzjoni kellha tipprova:

(i) L-akkuzat **interferixxa jew prova jinterferixxi ma' xhud**
(ii) L-azzjonijiet tal-akkuzat **kienu ta' konsegwenza serja**

Huwa car daqs il-kristall li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma dahlet fl-ebda wiehed mill-elementi tal-fatt jekk l-akkuzat interferixxiex u/jew ipprova jinterferixxi ma' xhud. Di fatti, anke mis-sentenza appellata jirrizulta li dak li kien importanti ghall-Qorti kien biss jekk b'xi mod jew iehor kienx hemm xi kuntatt ta' kwalsiasi natura bejn l-imputat u Altabib. Dan jirrizulta fic-car mill-qari tas-sentenza fejn il-Qorti bl-iktar mod car tghid illi:

*Kundizzjoni numru tlieta (03) fid-Digriet turbot lill-akkuzat illi ma ghandux ikellem jew javvicina la direttament u lanqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.*

Filwaqt li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar din il-klawsola, wiehed ghandu necessarjament jinterpreta dina l-klawsola fl-ambitu tal-ligi u cioè tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. In oltre, fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti totalment injorat huwa l-fatt illi fil-kamp penali, wiehed ghandu dejjem japplika interpretazzjoni restrittiva u mhux kif ghamlet l-ewwel Qorti li sahansitra wessghet is-sinifikat tal-Artikolu in kwistjoni.

Irrizulta anke lill-Ewwel Qorti li l-akkuzat bl-ebda mod ma interferixxa jew ipprova jinterferixxi max-xhud. Anzi, kienet l-istess Qorti li wara li semghet lill-akkuzat, lil Altabib u anke xhieda indipendenti, rat ukoll filmat li fih jirrizulta biss li l-akkuzat safa aggredit minn Altabib b'allegazzjonijiet ta' Altabib fuq shorts! Jirrizulta wkoll lil l-ewwel Qorti ppruvat tinferixxi illi ghax l-akkuzat b'xi mod segwa b'ghajnejh lill-aggressur tieghu, allura dan ghandu jtellef ghat-telf tal-libertà provizorja!

L-appellant umilment ukoll jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti wkoll naqset milli taghti ebda importanza lill-*proviso* tal-istess Artikolu ossia l-parti fejn jinghad illi l-Qorti hija wkoll obbligata illi:

> ***Din id-dispozizzjoni ma ghandhiex tapplika*** jekk il-fatt ***ma hiex ta' konsegwenza serja.***

Din id-dispozizzjoni ta' importanza kardinali tigi injorata totalment mill-Ewwel Qorti li sahansitra lanqas biss taghmel ebda evalwazzjoni dwarha fis-sentenza taghha. Dana huwa nuqqas tassew serju li fl-umli opinjoni tal-akkuzat wassal sabiex huwa jigi ppregudikat bis-sentenza moghtija mill-Qorti li kienet rinfaccjata bl-iktar mod car kemm dak li sehh ma kellu ebda konsegwenza serja.

L-appellant ghalhekk jikkontendi illi huwa ghalhekk li b'applikazzjoni korretta tal-Artikolu 579 inkluz il-proviso tal-istess Artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija f'dan il-kaz u ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat totalment mill-akkuzi kollha li gew dedotti fil-konfront tieghu inkluz mill-ewwel akkuza li taghha nstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**II. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova.**

Fl-ewwel lok, l-appellant hassu aggravat mill-fatt illi l-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-provi necessarji sabiex jippruvaw dak allegat minnhom fl-akkuzi.

Illi jirrizulta illi fil-kamp kriminali huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li jgibu l-aqwa prova – xi haga li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma ghamlitx. Kien l-obbligu tal-prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova ta' dak li qed tallega.

Tali nuqqasijiet huma hafna u l-imputat se jelenka ftit minn tali nuqqasijiet liema nuqqasijiet, fl-umli opinjoni tal-appellant, ma jistghux ghajr iwasslu lil dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tillibera lill-imputat mill-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu.

Mhux hekk biss. Jirrizulta wkoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti totalment skartat il-provi migjuba mid-difiza u sahansitra taghmel referenza ghal dokumenti mhux in atti sabiex tivverifika l-identità tax-xhud Altabib.

Jirrizulta di fatti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tghid hekk:

> *Rigward l-allegazzjoni sollevata mid-difiza li Altabib ma hux il-persuna li jghid li hu izda xi hadd iehor u ghalhekk l-akkuzat teknikament ma avvicinax lil Altabib, kif ukoll fil-konfront tad-dokumenti pprezentati mill-akkuzat in sostenn ta' din l-allegazzjoni, il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li d-dokumenti esebiti ma humiex dokumenti li din il-Qorti tista' tistrieh fuqhom ghal diversi ragunijiet. Jibda biex jinghad li ebda wiehed mid-dokumenti ma ghandu s-sigill ufficjali. Barra minn hekk, jirrizulta li Altabib ghandu karta tal-identità Maltija, mahruga minn Identity Malta li hija entità Ufficjali u ghalhekk sakemm dik l-Entità Ufficjali Maltija ma tirtirax jew tikkancella d-dokument mahrug minnha din il-Qorti tqis tali dokument bhala wiehed ufficjali li tista' toqghod fuqu. Barra minn hekk kundizzjoni numru 3 tirreferi ghal xhieda tal-prosekuzzjoni. Altabib huwa xhud tal-prosekuzzjoni u ghalhekk gia la darba huwa xhud l-argument tad-difiza ma jregix.*

Illi l-Qrati nostrani kellhom diversi okkazjonijiet fejn spjegaw fic-car illi *quod not est in acti non estin mundi*. Madanakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti mhux talli tiskarta ghal kollox il-provi dokumentarji ittimbrati migjuba mil-Libja – talli sahansitra taghmel referenza ghal dokumenti li mhumiex in atti! L-istess Qorti tkompli biex a bazi tad-dokumenti inezistenti tiskarta ghal kollox id-difiza tal-imputat.

Huwa principju sacrosanct fil-ligi kriminali Maltija illi l-Qorti Kriminali ma ghandha qatt issib htija sakemm ma jkollhiex il-konvinzjoni morali oltre kull dubju dettat mir-

raguni. F'dan il-kaz, mhux talli kull dubju ma marx a favur tal-akkuzat, talli l-Qorti skartat tali dubju u ppruvat sahansitra tikkontradici t-tezi tal-akkuzat b'dokumentazzjoni li ma tezistix fl-atti.

Gialadarba akkuza daqshekk gravi timpingi fuq l-identità tax-xhud, il-prosekuzzjoni kienet obbligata li effettivament tipprova li l-persuna li allegatament hija xhud taghha stess hija effettivament il-persuna li l-istess prosekuzzjoni indikat bhala certu Altabib.

Ghaldaqstant jirrizulta fic-car illi a bazi tal-principju legali *in dubio pro reo*, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija f'dan il-kaz u ghalhekk l-imputat ghandu jigi liberat totalment mill-akkuzi kollha li gew dedotti fil-konfront tieghu inkluz mill-ewwel akkuza li taghha nstab hati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**III. Piena eccessiva**

Illi fit-tielet lok u dana minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa car ukoll illi l-piena inflitta, anke kieku qatt kellha tinstab xi htija fl-appellant, hija wahda eccessiva.

Jidher car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti marret ghall-massimu tal-piena u dana meta fl-istess waqt hareg fic-car kemm l-incident in ezami kien wiehed totalment insinifikanti u sahansitra kien l-imputat li spicca aggredit!

Illi jirrizulta ghalhekk kif il-piena kemm illi l-akkuzat jitlef il-libertà provizorja kif ukoll u wisq iktar it-telf tal-garanzija personali ta' hdax-il elf ewro (€11,00) a favur tal-Gvern ta' Malta hia wahda totalment eccessiva.

Rat in-nota prezentata mill-Avukat Generali wara id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru, 2020 dwar jekk is-sentenza li inghatat mill-ewwel Qorti kienitx nulla jew le .

Rat is-sentenza preliminari taghha datata l- 20 ta' Novembru, 2020 fejn ex ufficcio annullat is-sentenza moghtija fl-istess ismijiet premessi.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz fuq il mertu u dan fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2020.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi Abduraouf Younis Mansur Altabib fit- 23 ta' Gunju 2020 irraporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex li ftit tal-hin qabel kien safa mhedded minn Abdussalam Elfitouri;

2. L-appellant kien stqar li kien tkellem ma' Altabib u dan fejn il-forn tax-Xiber gewwa x-Xewkija fejn kien talbu x-shorts u l-ghodda li jghid li kien hadlu is-Sur Altabib izda li ma kienx heddu. L-appellant allega li Abduraouf Younis Mansur Altabib kien aggredih;

3. L-appellant stqar li kien anke cempel lis-Sur Altabib.

4. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi din il-Qorti sejra tibda billi in succint taghmel referenza ghal provi prodotti.

Fost provi ohra, gew prezentati l-fedina penali tal-appellant immarkata bhala JG1 a fol 7 et sequitur,  dokument tal-'NPS-PCR Person Details' immarkata bhala JG2 a fol 9 et sequitur u vera kopja tad-digriet bil-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest datat it- 28 ta' Mejju 2020 li jinsab a fol 11 u mmarkat bhala JB4.

Giet prezentata affidavit ta' **Miriam Curmi** in rapprezentanza tas-socjeta' GO plc fejn prezentat l-informazzjoni mitluba mill-Pulizija u dan skont il-kopja tat-tahrika prezentata biex tesebixxi l-call profile tan-numru 79517751 ta' nhar it- 23 ta' Gunju, 2020.

L-**Ispettur Josef Gauci** fis-seduta tat- 8 ta' Lulju, 2020 xehed li nhar it- 23 ta' Gunju ta' din is-sena gie infurmat li dahal rapport minn certu Abdul Alfyounis Monsur Altabib bin-numru tal-karta tal-identita' 58794A fil-konfront ta' Abdulassalam Elfitouri bin-numru tal-karta tal-identita' 72041A fejn dan allegatament gara argument bejniethom quddiem il-forn tax-Xiber li jinsab fi Triq l-Gharus, ix-Xekwija Ghawdex. Peress li Abdulassalem Elfitouri kien taht liberta' provizorja u kien hemm allegazzjonijiet li anke Abdulassalam Elfitouri avvicina lis-Sur Altabib u kien hemm xi theddid,  talab lil Magistrat tal-Ghassa biex jinhareg mandat ta' arrest, liema mandat ta' arrest gie akkordat. Il-Magistrat tal-Ghassa kienet Dottor Brigitte Sultana. Xehed li bhalissa ghaddejja kawza kriminali fil-konfront ta' Abdulassalam Elfitouri quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Mifsud u iddikjara li s-Sur Altabib huwa xhud

tal-Prosekuzzjoni fl-istess kawza. Esebixxa rapport mis-sistema taghhom tal-MPS tal-Pulizija. Wara gie arrestat is-Sur Abdulassalam Elfitouri u ha stqarrija bil-miktub minghand l-istess Elfitouri, dan wara li gie infurmat bl-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu, inghatat id-disclosure, ikkonsulta wkoll mal-avukat tal-fiducja tieghu Dr. Joseph Grech u kien ukoll prezenti ghal waqt id-disclosure u kif ukoll intwera s-cctv footage li gie elevat bhala parti minn din l-investigazzjoni. Gharaf lis-Sur Elfitouri prezenti fl-awla u esebixxa l-istqarrija li ha minghand l-imputat, liema stqarrija giet meduda fil-prezenza tal-avukat, ta' PS676 Adonai Spiteri u gharaf il-firem tieghu, tal-imputat u ta' PS676. FIl-kors tal-investigazzjoni gie elevat ukoll mobile phone mill-pussess tas-Sur Abdulassalam Elfitouri, liema mobile phone gie esebit flimkien ma' ircevuta. Xehed li mar fuq il-post jiccekja jekk hemmx cameras, u kien hemm camera magenb il-forn tax-Xiber ezatt, peress li magenb il-hanut tax-Xiber li jbiegh il-hobz hemm hanut grocer u ra il-filmat. Id-download sar minn PC951, liema footage hareg l-istills minnu s-Sur Max Xuereb.

Fil-Current Incident Report li jinsab a fol 44 et sequitur u mmarkat bhala JGA2 tnizzel li irraporta gewwa l-Ghassa Rabat Ghawdex illum it- 23 ta' Gunju 2020 ghal habta ta' 12:10hrs, Abduraouf Younis Mansur Altabib fejn stqar li ftit tal-hin ilu gewwa x-Xewkija, Triq tal-Hamrija, specifikament quddiem il-Forn tax-Xiber, huwa kien safa mhedd minn certu Abdussalam Elfitouri. Skont dan ir-rapport, Alburaouf Younis Mansur Altabib stqarr li: '*Waqt li kont qed nixtri l-hobz mill-forn tax-Xiber, gie dan Elfitouri minn warajja fejn dan qattali l-qalza tal-qalziet tieghi b'idejh li hu qalziet tan-Nike li jiswa' €50 u qalli 'Issa inpattijielek talli xehed fil-Qorti kontrija, u ha naghmel il-hsara lil Uliedek u lil familtek.' Dan beda jghidli 'Ejja' bhala sinjal biex niggieldu u dahhal idejh fil-but fejn jien nissuspetta li kellu xi arma li seta' jweggani biha. Issa qed icempilli private number u jheddidni billi jghidli biex immur fejnu biex niggieldu.*'

F'dan ir-rapport tnizzel li l-Ispettur J. Gauci gie mgharraf b'dan ir-rapport. Il-Pulizija marret quddiem il-Forn tax-Xiber fejn giet mitkellma il-mara tas-sid certu Dorianne Cauchi fejn giet mistoqsija jekk kienx hemm cctv cameras installati mal-faccata tal-istess forn, cioe' li igib filmat tal-faccata tal-forn, fejn irrizulta fin-negattiv.

L-investigazzjoni tkompliet billi l-Ispettur J. Gauci flimkien ma Pc1185 marru fuq il-post imsemmi hawn fuq. Tul l-investigazzjoni irrizulta li bieb ma bieb mal-forn hemm hanut tal-merca fejn dan ghandu camera minnhom taghti ghat-triq bir-rizultat

li ggib dak li jigri quddiem l-istess hanut tal-merca kif wkoll il-forn tal-hobz. L-Ispettur tkellem ma sid il-hanut fejn din dahlithom fil-hanut taghha u wriethom ir-recording tal-camera fil-hin tal-incident. Irrizulta li bejn il-hin tal-camera numru 4, cioe' bejn 11:45AM u 12:00pm jidher jasal Abduraouf Tounis Mansur Altabib bil-karozza tieghu blu tal-ghamla KIA u jersaq mal-bieb tal-forn biex jixtri l-hobz. Ftit wara jasal bil-mixi Elfitouri fejn dan resaq lejn Altabib, tbaxxa u jidher imisslu jew jaqbadlu x-shorts. Dak il-hin inqala argument bejniethom u dan Altabib jidher jaghti daqqa ta' ponn li Elfitouri. Dawn imbaghad tbieghdu ftit minn xulxin u mill-forn u jidhru jkomplu jargumenta ghal ftit hin iehor sakemm imbaghad Altabib jidher jirkeb il-karozza u jmur idawwar ftit 'l boghod u huwa u hiereg rega ghadda minn quddiem il-forn u rega qal xi kliem lil Elfitouri fejn dan kien ghadu hemm. Download tas-CCTV footage imsemmi hawn fuq gie mnizzel minn PC 951 c/o FSL.

F'dan ir-rapport zdiedet update fl- 24 ta' Gunju, 2020 li kien inhareg mandat ta' arrest u Elfitouri kien arrestat fit-13:15hrs mill-post tieghu tal-impjieg. Kien infurmat dwar l-arrest u gie muri l-mandat. Kien anke infurmat dwar id-drittijiet legali tieghu u gie registrat fuq id-detainee book fil-Gozo Lock Up. Staqsa biex ikun assistiet minn Avukat tal-ghazla tieghu Dr. Joseph Grech u kien interrogat mill-Ispettur Gauci fil-prezenza ta' dan l-istess Avukat.

Tnizzel li aktar tard ghal habta ta' 16:50hrs il-Pulizija tkelmet ma' Benalhaj, Abdelhakim u kien mistoqsi jekk qatt sema lil Al Tabib jghid li '*he wanted to disrupt his bail and send Elfitouri back to jail*'. Abdelhakim qal lil Pulizja li ilu ma jkellem lil Altabib ghal zmien twil u qatt ma sema' lil Altabib isemmi xi haga li jrid '*disrupting his bail.*' Fil-17:55hrs il-Pulizija tkellmu ma' Mahmoud Ali Amber u kien mistoqsi l-istess mistoqsija bhal Abdelhakim rigward jekk semax lil Altabib isemmi xi haga dwar il-helsien mill-arrest ta' Elfitouri, Mahmoud qal li jaf kemm lil Altabib u anke Elfiitouri izda qatt ma sema lil Altabib jghid li '*he wanted to ruin his bail.*' Fis-18:13 il-Pulizija anke kelmu lil Abduraouf Younis Mansur Altabib dwar is-shorts li kien liebes u li tqatta matul l-argument u qal li huwa sid ix-shorts u li ma inghatax lilu minn Abdussalam Elfitouri. Qal ukoll li ma ghandux ircevuta peress li kien inxtara madwar sitt (6) snin ilu. Abdussalam Elfitouri gie mressaq il-Qorti b'arrest.

Kopja ohra tal-current incident report jinsab ukoll a fol 58 et sequitur.

**PC 1185 W. Saliba** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn iddikjara li nhar it-23 ta' Gunju , 2020 ghal habta tas-18:00hrs, l-Ispettur J. Gauci flimkien mieghu PC1185 W. Saliba marru fuq il-post imsemmi. Tul l-investigazzjoni irrizulta li bieb ma bieb mal-forn kien hemm hanut tal-merca fejn dan ghandu camera minnhom taghti ghat-triq bir-rizultat li ggib dak li jigri quddiem l-istess hanut tal-merca kif ukoll il-forn tal-hobz. L-Ispettur tkellem ma' sid il-hanut fejn dahlithom fil-hanut taghha u wriethom ir-recording tal-camera fil-hin tal-incident. Irrizulta li bejn il-hin tal-camera numru 4, cioe' bejn 11:45am u 12:00pm jidher jasal Abduraouf Younis Mansur Altabib bil-karozza tieghu blu tal-ghamla KIA u jersaq mal-bieb tal-forn biex jixtri l-hobz. Ftit wara jasal bil-mixi Abdussalam Elfitouri fejn dan resaq lejn Abduraouf Younis Mansur Altabib, tbaxxa u jidher imisslu jew jaqbadlu x-shorts. Dak il-hin inqala argument bejniethom u dan Abduraouf Younis Mansur Altabib jidher jaghti daqqa ta' ponn lil Abdussalam Elfitouri. Dawn imbaghad tbieghdu ftit minn xulxin u mill-forn u jidhru jkomplu jargumentaw ghal ftit hin iehor sakemm imbaghad Abduraouf Younis Mansur Altabib jidher jirkeb il-karozza u jmur idawwar ftit 'il boghod u huwa u hiereg rega ghadda minn quddiem il-forn u rega qal xi kliem lil Abdussalam Elfitouri fejn dan kien ghadu hemm.

**PC1130 Bjorn Sammut** ukoll xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn xehed li nhar l- 24 ta' Gunju 2020 ghal habta ta' xil-18:13hrs waqt li kien xoghol gewwa l-ghassa tar-Rabat Ghawdex ha il-verzjoni ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib fuq ordni tal-Ispettur Gauci rigward il-qalziet li kien liebes waqt l-arrgument ta' ftit jiem qabel gewwa Xewkija jekk kienx tieghu. Meta mistoqsi huwa qallu li l-qalziet kien tieghu, kien xtrah xi sitt snin ilu u ma kienx jaf fejn qieghda l-ircevuta.

**PS506 Derek Bugeja** xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn spjega li waqt li kien xoghol gewwa l-Ghassa Rabat Ghawdex nhar it- 23 ta' Gunju, 2020 ghal habta ta' 12:10hrs, irraporta gewwa l-istess Ghassa certu Abduaraouf Younis Mansur Altabib fejn irraporta li kien safa aggredit u mhedded minn certu Abdussalam Elfitouri. Is-Sur Altabib stqarr li huwa ftit tal-hin qabel gie gewwa l-Ghassa (specifikament ghal 11:30am), kien gewwa Triq l-Gharus specifikament quddiem il-Forn tax-Xiber fejn hemm kien safa mhedded mis-Sur Elfitouri.

Is-Sur Altabib stqarr mieghu dan '*Waqt li kont qed nixtri l-hobz mill-forn tax-Xiber, gie dan Elfitouri minn warajja fejn dan qattali l-qalza tal-qalziet tieghi b'idejh li hu qalziet tan-Nike li jiswa' 50Ewro u qalli 'Issa npattijielek talli xehdt fil-Qorti kontrija, u ha naghmel il-hsara lil uliedek u lil familtek'. Dan beda jghidli 'Ejja' bhal sinjal biex niggieldu u dahhal idejh fil-but fejn jien nissuspetta li kellu xi arma ta' seta' jweggani biha. Issa qed icempilli private number u jheddidni billi jghidli biex immur fejnu biex niggieldu'*.

Ghaldaqstant informa lill-Ispettur J. Gauci f'dan ir-rapport. L-ghada cioe' l- 24 ta' Gunju hi flimkien ma' PS559 J. Spiteri marru gewwa Triq l-Arcipriet Grech, Xewkija, fil-post fejn jahdem Abdussallam Elfioturi, fejn ghal habta tas-01:15PM, arrestaw lill-istess Abdussalam Elfitouri. Gharrfuh bil-mandat ta' arrest fejn pprezentawlu kopja tieghu, gharrfuh bid-drittijiet legali kollha tieghu fejn minn hemm skortawh lejn il-Lock Up tal-Pulizija t'Ghawdex. Dan gie registrat fid-Detainee Book fejn talab li jigi assistit mill-Avukat Dr. Joseph Grech LL.D. Regghu skortawh lejn l-Ghassa sabiex jigi interrogat mill-Ispettur J. Gauci fil-presenza tal-istess Avukat Dr. Grech LL.D.

**PS559 Jason Spiteri** ukoll xehed bil-procedura tal-affidavit li nhar l-24 ta' Gunju, 2020 kien dettaljat xoghol l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex, fejn fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Josef Gauci, hu flimkien ma' PS506 D. Bugeja, arrestaw lil certu Abdussalam Elfitouri kif ordnat b'mandat ta' arrest. Lil Abdussalam Elfitouri arrestawh nhar il- 24 ta' Gunju, 2020 ghal habta tas-13:15hrs gewwa l-post tax-xoghol tieghu gewwa Triq l-Arcipriet Grech, Xewkija fejn gharrfuh bl-arrest tieghu u gie mghoti d-drittijiet legali kollha u gie prezentat b'kopja tal-mandat tal-arrest tieghu u ghaldaqstant minn hemm huma haduh gewwa l-Lock Up tal-Pulizija t'Ghawdex sabiex jigi rregistrat fid-'detainee book'. Is-Sur Elfitouri talab li jigi assistit mill-Avukat tieghu Dr. Joseph Grech LL.D u skortawh lejn l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex sabiex jigi interrogat mill-Ispettur Josef Grech fil-presenza tal-istess imsemmi Avukat.

Iddikjara li aktar tard, ghal habta tal-16:50hrs, tkellem ma' certu Abdelhakim A.M Benalhaj fejn staqsieh jekk qatt kienx sema lis-Sur Abduraouf Younis Mansur Altabib (58794A) jghid li ried itellef il-kundizzjonijiet tal-bail tas-Sur Elfitouri u jibghatu lura l-habs. Minn naha tieghu, is-Sur Benalhaj stqarr li kien ilu zmien twil ma jitkellem mas-Sur Altabib u qatt ma kien semghu jghid dak il-kliem. Tkellmu wkoll ma certu Mahmud Ali Mahmed Amber ghal habta tas-17:55hrs fejn gie mistoqsi l-istess mistoqsija li saret is-Sur Benalhaj fir-rigward li qattx kien sema' lis-Sur Altabib jghid

li ried itellef l-kundizzjonijiet tal-bail tas-Sur Elfitouri fejn is-Sur Mahmed Amber stqarr li jaf kemm lis-Sur Altabib u lis-Sur Elfitouri izda qatt ma kien sema' lis-Sur Altabib jghid li ried itellef il-kundizzjonijiet tal-bail tas-Sur Elfitouri.

**Mariano Cauchi** li xehed ukoll fit- 8 ta' Lulju 2020 xehed li kien mill-bieb 'il gewwa tal-forn u li ma ra xejn. Li gie wiehed minn hemm u tah il-hobz, hallsu u kif dar, ra lill-iehor gej, tah il-hobz u telaq. Ma ra xejn u lanqas sema' xejn. Ma jiftakarx il-gurnata u d-data izda xi haga ghal nofsinhar izda jwiegeb '*Dakinhar li ġejt id-dar inti, l-istess ġurnata.*' Ma gara xejn fil-bieb tal-forn, ma ra xejn u ma sema xejn. Li ma thadtux quddiemu u quddiem il-bieb tal-forn ghax nofs il-bieb tal-forn kellu miftuh, quddiem il-bieb tal-forn ma gara xejn. X'gara wara ma jafx. L-ewwel gie l-iehor, '*U resaq dan u tajtu l-ħobż, mort inpoġġi l-flusu ma rajt xejn*.'

Fis-seduta tal- 25 ta' Gunju, 2020 il-Qorti kienet innominat lil Max Xuereb u ordnatlu jitrasferixxi l-filmat fuq ic-cd ghal fuq il-pen drive kif ukoll johrog l-istills tal-kontenut. F'dik is-seduta il-Prosekuzzjoni esebiet c-cd immarkata MX1. Max Xuereb fis-seduta tat- 8 ta' Lulju, 2020 xehed li kien appuntat b'notifikat tal-25 ta' Gunju, 2020 biex jikkonverti CCTV footage ghal fuq pendrive u minnu johrog numru ta' stills. Huwa prezenta tmienja u tletin (38) still u kif ukoll pendrive bil-conversion ta' dan is-CCTV. Huwa kkonferma r-rapport. Dan ir-rapport jinsab a fol 21 et sequitur.

**Abduraouf Younis Mansur Altabib**[1] xehed fis-seduta tat- 8 ta' Lulju, 2020 li ma jafx il-gurnata izda ix-xahar li ghadda bejn l-hdax (11:00) u nofsinhar (12:00) ix-Xewkija mar jixtri l-hobz minghand tax-Xiber ghaliex ikollu hobz tajjeb. Imbaghad '*ġie warajja dan u qattagħli l-qalziet u beda jgħidli "Ha npattihielek, u lilek u lit-tfal, għax ħxejtli ħajti*'. Baqa' sejjer l-ghassa u beda jcempillu u jheddu gol-ghassa stess. Ix-shorts tieghu u jiswa xi hamsin ewro (€50). Imbaghad beda jcempel quddiem il-Pulizija, jcempel u jheddu '*Ejja x-xogħol*' hemmhekk fejn jahdem '*ħalli niġġieldu hemmhekk*', jistiednu ghall-glied. Beda joffendih u jghidlu '*ejja ħa npattahielek*' u dan il-kliem. Il-mobile number tax-xhud huwa 79517751. Kien qed icempillu b'private number u gharaf lenhnu '*jien ftaħt il-mike, Anke jiġifieri ġol-għassa.*' Dak il-hin kien ghadhom ma kellmuhx, ra li private number u qallu "*dan żgur li hu*". *Ftaħt il-mike u beda jisma*'.' Xehed li '*Dħalt l-għassa qisu għaxar minuti u ċempilli.*' Jghid li mill-ewwel tela' mix-

[1] Fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju, 2020 indikat bhala 'Abduraouf Younis Mansur Alitabib'

Xewkija ghar-Rabat. Spjega li '*private number ma tantx iċempluli private number, u indunajt għax qisu ilu għaxar minuti mix-Xewkija għar-Rabat, u indunajt li hu. Għidtlu "Sir, żgur li hu". Ftaħt il-mike u semgħuh, imma bil-Libjan fhimt?*'

In kontro-ezami qal li bil-libjan mhux se jifmuh zgur u li kien hemm pulizija. Mistoqsi '*Jekk il-pulizija, jiġifieri l-pulizija Bugeja qed jigdeb xħin qed jgħid illi inti għidtlu "Issa qed iċempilli private number u jheddidni billi jgħidli biex immur fejnu biex niġġieldu.*' wiegeb '*Iva*'. Ikkonferma li fetah il-mike, '*Jien għidt li ċempilli private number, għidtlu lill-pulizija "Ara dan żgur li hu". Imbagħad irrispondejt, ftaħt il-mike, u jiġifieri mhux se jifhem x'qed jgħidli.*' Mistoqsi li l-Pulizija mhux jghid li fetah il-mike u min qed jghid sew, hu jew il-Pulizija, wiegeb '*Naħseb li jien.*'

Mistoqsi jekk jista' jkun li x-shorts mhux tieghu izda tas-sinjur u li hadu fil-mument li huwa gie arrestat wiegeb '*U minn fejn ħadtu? Għaliex ma marx jagħmel rapport jekk ħadtu jien?*' Cahad li xi darba kien jahdem mieghu izda jghid '*Ħadem miegħi u mhux jien ħdimt miegħu.*' L-ghodda tax-xhud, kollox tieghu. Ix-shorts ilu ghandu hames (5) snin, xtrah minn Malta. Id-data tat-twelid tieghu hija l-'*Twenty four (24) eleven (11) seventy eight (1978).*' Mistoqsi jekk aggredix lis-sinjur wiegeb '*Aggredejt x'inhu? F'liema sens?*' spjega '*Qattagħli l-qalziet, qattagħli l-qalziet. X'se nagħmillu jien?*' Jghid li ma tah xejn. Jghid li imbuttah. Mistoqsi jekk mhux veru li tah daqqa ta' ponn f'sidru wiegeb '*Mhux hekk, imbuttajtu. Kif se nimbuttah?' Wara li imbuttah beda joffendi u dahhal idejh gol-but u 'joħroġ mus u jgħidli "Ejja ħa niġġieldu"*. Mistoqsi harigx il-mus jghid li iva. Suggeriet lilu li mill-istills ma jidhirx il-mus wiegeb '*Imma idejħ ġol-but. Xqed jagħmel hekk ġol-but?*' Ipprova johrog xi haga minn gol-but izda ma rax mus. B'referenza ghal stills 16, 17, 18, 19 u 20 fejn jidher jersaq lura wiegeb '*Ħeqq mhux hekk resaq lura.*' Suggeriet lilu li mhux talli aggredih, talli wara li telaq rega ghadda u beda joffendih u jirrikattah wiegeb '*Mhux hu beda jitkellem fuqi u jpattihieli u jagħmilli hekk ħalli nagħlaq ħalqi jien.*' Jghid li l-qalziet ma kienx imqatta qabel, li forsi bicca zghira. Li semghu kif tqatta' l-qalziet. Rega ghadda minn hemm ghax it-triq maghluqa, ma tinfedx, li baqa' sejjer. Jghid li beda '*jisteddini għall-ġlied "Ejja quddiem ix-xogħol, ejja quddiem ix-xogħol*". Qal li beda joffendih. Mistoqsi dwar it-ton tal-vuci waqt li gie mhedded qal li '*Mhux hekk, għax kien hemm dak tal-ħanut u ma kienx hemm għajjat.*' Mistoqsi '*Jigifieri dan skont inti dan ġie jheddek imma dan mhux b'għajjat. Jiġifieri Hekk ġie b'amiċizja hekk u qallek "U iva għax inti hekk...*' u wiegeb '*Le, le, le, mhux f'dak is-sens.*'

Spjega '*Qattagħli l-qalziet, jiena ħisbtu xi ħadd qed jiċċajta. Dort u sibt il-qalziet imqatta*'. Imbagħad beda jgħidli "*inpattihielek. Ħxejtni ġol-ħabs*" *u hekk, u dawk l-affarijiet.*'

**Abdel Hakim Benalhaj**[2] fit- 8 ta' Lulju, 2020 xehed li cemplulu mill-Ghassa u mar l-Ghassa u staqsewh jekk vera li Altabib se jtellef Abdulassalam Elfitouri l-plegg jew le. Xehed li '*jien ma smajtux jiena personali illi jrid itelliftlu l-pleġġ fuq din il-mistoqsija li jtelliflu l-pleġġ. Imma nisma' n-nies jgħidu fhimt? Jiġifieri dak jgħid hekk. Imma xi ħaġa oħra li naf jien li dak meta kien il-ħabs dak jiġi hemmhekk Marsalforn*' b'referenza ghal Altabib u kien jghid li jrid jitfghu tnax (12)-il sena habs. Dik semghaha b'widnejh. Imma li se jtelfu l-plegg ma semghux imma semgha lin-nies jghiduha. Hu semghu b'widnejh jghid li jrid iwahlu ghaxar (10) snin, tnax (12)-il sena habs.

**Mahmoud Ali Mohdmed Amber**[3] xehed fit-8 ta' Lulju, 2020 li baghtu ghalih l-Ghassa u staqsewh jekk semghax lil Altabib jghid li se jtelliflu l-plegg u hekk lil Abdul u qal li ma semghax hekk. Qallu li ma jridx jindahal. Jghid li ma semghux jghid li se jtelliflu l-plegg izda semghu jghid li se jwahhlu tnax (12) -il sena meta dahal il-habs. Jghid li '*Dejjem kien jgħidha hu u jkellmuh "Tagħmilx hekk, issa ħallih dak li għadu l-ħabs u hekk"... u dejjem jgħid illi se jeħel tnax-il (12) sena ħabs u joqgħod jiżfen quddiem in-nies. Dik kulħadd jafha.*' Semghu b'widnejh li ried iwahhlu l-habs. Li se jtellfu l-plegg ma semghahx jghidha. Jghid li '*jien għidtlu biex dan ma jersaqx ħdejh*'.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Din hija datata l- 24 ta' Gunju, 2020 immarkata bala JGA3 u tinsab a fol 48 et sequitur. F'din l-istqarrija **l-imputat Abdussalam Elfitouri** qal li bhala xoghol imbajjad u ikahhal u ilu jahdem dan ix-xoghol minn erbat'ijiem ilu. Jghid li jghidulu Abdul, huwa mizzewweg u ghandu tfal u jghix mal-mara u t-tfal. Gieli kellu kazijiet mal-Pulizija. Spjega li lbierah mar jixtri l-hobz mill-forn tax-Xiber f'xi nofsinhar u iltaqa' ma' Altabib hemmhekk. Spjega li '*Jiena sibtu liebes ix-shorts tieghi u kellemtu ghall-ghodda tieghi li hadha hu. Din l-ghodda kienet go flat ix-Xaghra. Altabib kien jahdem mieghi biex niksu l-flat tax-Xaghra. L-ghodda u x-shorts kienu go dan il-flat ix-Xaghra u meta gejt arrest is-sena li ghaddiet, dawn baqghu x-Xaghra u hadhom hu.*' Qal li '*Qetlu giebli l-ghodda u qabad itini u qalli ha nitfak il-habs. Huwa qabbad il-karozza tieghu, mar u rega*' *gie u rega qalli ha nitfak il-habs. Jiena x'hin beda itini, mort lura jiena. Jiena kieku ridt stajt intih imma*

---

2 Fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2020 indikat bhala 'Abdel Hakin Benalhaj'
3 Fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2020 indikat bhala 'Mahmud Ali Mohmed Amber'

*mort lura jien.*' Mistoqsi fejn qed jahdem Altabib bhalissa wiegeb '*Ma nafx. Ilbirah gejt fis-7 ta' filghaxija l-ghassa r-Rabat, Ghawdex, ghax ma kellix karozza gejt fis-7pm, gejt ha nghidilhom biex naghmel rapport kontra Altabib li hu beda itini, qaluli s-Surgent mhux hawn, u biex nerga mmur fid-9pm. Ergajt gejt fid-9pm u kelmu lill-iSpettur u qaluli li issa ha jibghat ghalik l-iSpettur.*' Mistoqsi ghaliex ma cempilx x'hin habat ghalih Altabib wiegeb '*Jien m'ghandix numru tal-ghassa biex incempel, lestejt ix-xoghol, stennejtu jigi ghalija fis-6pm missier il-mara, mort id-dar, hadt shower u gejt bil-mixi l-ghassa.*' Ma kienx jaf li Altabib ghamel rapport kontrih. Mistoqsi imbaghad x'gara fejn il-forn wiegeb '*Imbaghad telaq*'. Mistoqsi jekk cempilx lil Altabib wara, wiegeb '*Cempiltlu fuq il-mobile tieghu, l-ewwel darba li kont cempitlu u qedtlu l-ghodda tieghi tihieli u ma ridtx kummidji u glied mieghu. Dik hi.*' Wara l-kwistjoni tal-forn '*jiena cempiltlu fuq il-mobile u qalli gej u qalli li ha igibli l-ghodda, u ma gabli xejn.*' In-numru ta' Altabib kien issejvjat fuq il-mobile, qal li '*Jiena qabel ilbirah ma kellemtu qatt.*' Mistoqsi ghala cempillu privat wiegeb '*Iva ghax ma ridtx intih in-numru tieghi. L-ewwel darba li cempiltlu minn wara li hrigt mill-habs.*' Qal li hemm zewg Libjani jisimhom Mahmoud u Abdul joqghodu Marsalforn, dan kien jiltaqa maghhom Altabib u jghidilhom li lilu ha jitfghu l-habs. Mahmoud ghandu mobile 99965220 u Abdul ghandu mobile 99149260. Jghid li '*Ma heddidtux, ma ghedtlu xejn fuq Qorti. Fil-Qorti huwa ma xehedx kontrija, xehed li ma kienx mieghi dakinhar tal-akkuzi li ghandi.*' Mistoqsi min kien hemm fil-hanut wiegeb '*Mario tax-Xiber. Qedtlu li seraqli l-ghodda u l-hwejjeg tieghi.*' Ma stidnux ghal glied, lanqas x'hin cempillu. Qal lill-Ispettur biex icempel lil Mahmoud u lil Abdul ha jghidulu l-verita. Qal ukoll li l-Ispettur urieh il-filmat tas-CCTV u jidher li x-shorts li kien liebes Altabib kien diga mqatta'.

L-**imputat Abdussalem Elfitouri** ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fis- 17 ta' Lulju, 2020 fejn beda billi spjega li kellem lil familja tieghu mill-Libja, qalilhom dan Mansur kellu passaport iehor. Marru ghand il-Pulizija ghamlulu rapoort u sabuh imfittex fil-pulizija tal-Libja, ghandu mandat ta' qbid, ha jaqbduh il-Libja qallu huh, din mill-pulizija l-karta, u qallu li n-numru tal-passaport li dahal bihom Malta dan in-numru 457703 kien hiereg Tripli, id-data tieghu fit-tmienja u ghoxrin, sitta thousand and seven (28/6/2007) u ghandu passaport iehor dahal bih Malta, in-numru tieghu dan il-passaport 440647. Dan id-data tieghu harget fil-'*twnety-five, two, two thousand and one (25/2/2001)*'. Xehed li dawn il-passaporti, dawn in-numru tal-passapoti ghandu,

kienu qabduh gewwa l-ajruport Malta, qabduh minn Bugibba l-Pulizija, ghandu karti Kastilja, Malta li hu bl-isem Mansur Al Tabib, bil-fingerprints u b'kollox, ismu dal verita' '*Mansur Junis Masur Al Tabib*'[4], ismu l-verita' u isem hu l-mejjet li ghadu biha hawnhekk fuq l-ID card '*Abdel Raulf Unis Mansur Al Tabib*'[5], dan twieled dan '*Mansur Abdel Raulf*', ghandu in-numru tal-karta tal-identita' fis-sebgha u tmenin (87), fit-tmienja u sebghin (78) dan twieled, u Mansur il-verita' dak twieled fil-hamsa u tmenin (85), jghid li dak daqsu, kien mieghu l-iskola l-Libja u ma jifhimx kif gie jobghodu hekk ghax minhabba l-ghodda li hadlu beda jaghmillu u '*ħassarli ħafna ħsara f'ħajti*'. Jghid li dan huwa Mansur, dan huwa l-passaport li ghandu mhux veru ta' hawnhekk l-isem ta' Abdel Raulf, dak mejjet il-Libja, u dan ismu Mansur Unis Mansur Al Tabib. Jghid li dan in-numru tal-passaport issibu l-fingerprints tieghu u r-ritratti f'dan in-numru tieghu, in-numri tal-passaporti t-tnejn li ghandu. Ghandu fingerprints u r-ritratt tieghu go Kastilja u gewwa l-airport, dak ismu Mansur kien, kien mieghu l-iskola, jghid li huwa u cioe' l-imputat twieled hamsa u tmenin ('85) ukoll. Abdussalam Alfitouri twieled 29/9/85, kien mieghu l-iskola l-Libja kienu joqghodu Tripoli, joqghod fejnu Tripli. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti immarkati komplessivament bhala dok AEL1.

L-imputat xehed li ma jifhimx kif gratlu din il-hsara, li hareg minn tmien (8) xhur habs, kien ha jahdem fuq it-tfal, imbaghad mar jahdem, mar il-forn, u ghamel triq minn fejnu, '*jien kont naħdem fit-triq, ma kontx naf li hu Mansur, kien wieqaf ġewwa l-forn jixtri ħobż, jien ġejt kumbinazzjoni, waqaft għall-forn u sibtu liebes ix-shorts tiegħu u ftakart l-għodda li kelli -*'

Xehed li l-ghodda kienet qabel ma qabduh il-Pulizija s-sena li ghaddiet kienet. Kien jahdem hu u Mansur, kien haddiem mieghu, u ha l-ghodda minn missier il-mara, ghandu garaxx, hadha minghandu, mar hadem mieghu flat ix-Xaghra. Xehed '*għidtlu tini l-għodda jiġborha Mansur, dan Mansur li kien ħadhieli u għidtilhom dik l-għodda tieghi. Qalli dak ġabarha l-ħabib tieghek, mur ħudha mingħandu. Mort kellimtu, kien ġie xehed fil-Qorti fil-każ illi kelli, hu kien miegħi, u kien jidher fuq il-camera kien miegħi, bil-*

[4] Skont id-dokumenti esebiti mill-appellant jirrizulta fost ismijiet ta' persuni ohra, isem 'MANOUR YOUNISMANSOUR TABIB' imwieled fl-1 ta' Jannar 1985 u 'MANSOUR YOUNIS MANSOUR TABIB' li twieled fit-12 ta' Settembru 1985.

[5] Skont id-dokumenti esebiti mill-appellant jirrizultaw ukoll l-ismijiet 'ABDULRAOUD YOUNISMANSOUR TABIB' imwieled fil-11 ta Jannar, 1978 u 'ABDULRAOUF YOUNIS MANSOUR TABIB' imwieled fl-24 ta' Novembru, 1978

*camera jidher li kien wieqaf miegħi, konna weqfin fit-triq u kien hemm camera quddiemi, ... ... il-pulizija li hu kien wieqaf miegħi quddiem dik il-camera. Imbagħad ġie l-pulizija qal dak ma kienx miegħi, jien kont Malta. Dik m'għandhiex x'jaqsam. Imma Elfitouri jien kont ġewwa dik il-binja naħdem fejn il-forn, imbagħad kont ġej jien bil-mod imbagħad mort iltqajt miegħu fil-forn, kont kellimtu, sibtu liebes ix-shorts u għidtlu "l-għodda tiegħi, dik għandi bżonnha rrid naħdem għat-tfal tiegħi." Qalli, "Lilek ħa nwaddbek il-ħabs." Imbagħad jiena bżajt -'*

Xehed li '*Waqaft fejn fil-forn, imbagħad kellimtu.*' Xehed li '*Kellimtu iva. Imbagħad beda jtini, itini, jien ma ridtx niġġieled. hawnhekk għandek il-video meta beda jtini bis-saħħa, jien mort lura mill-ewwel għax mhux ġej biex niġġieled. Hawnhekk il-video jidher li jien qatt m'għamilt anke idejja hekk, m'għamilthom idejja fuq, m'għamiltx idejja, ma ġġilidtx xejn, ħadt it-tnejn daqqiet u kont bżajt ħa l-pulizija m'għandix karozza, imbagħad ġie missier il-mara ħadni d-dar, ħadt shower, mort għall-pulizija, għidtilhom x'ġara fis-sebgħa, qalli "is-surġent mhux hawn, erġa' ejja fid-disgħa." Erġajt fid-disgħa, mort għand is-surgent, għidtlu, "illum iltqajt ma' Mansur Al Tabib u qalli ħa jwaddabni l-ħabs. L-ewwel tani żewġ daqqiet ġo sidri u ġo għonqi, tani żewġ daqqiet," qalli, "hu nċempel lill-insepector." Ċemplet lill-inspector qudiemi, qallu l-inspector, "issa nibgħat għaliha għada." imbagħad fl-għada jien kont mort ix-xogħol, mort naħdem, f'nofsinhar ġew għalija l-pulizija, ġabruni. U jien kont sejjer ngħidilhom "agħmluli statement għax kilt id-daqqiet, għandkom il-camera hemmhekk turi li jien kilt daqqiet u m'għamilt xejn jien." Kilt it-tnejn daqqiet mill-ewwel ma beda jtini, jien mort lura. Jekk xi ħadd irid jiġġieled l-ewwel jaqbad hu li jibda jagħti Sinjura Maġistrat.*'

Ikkonferma li meta wasal hdejn il-forn, Mansur kien bil-wieqfa quddiemu. Suggeriet lilu li l-imputat kelmu wiegeb '*Ma kontx nafu mbagħad*'. Spjega '*Hu beda jgħidli, "Ħa nwaddbek il-ħabs." Hu li beda jgħidli, "Ha nwaddbek il-ħabs." Għidtlu, "Tini l-għodda, ma rridx problemi." Anke meta ċempiltlu jien malli kelli li ġara miegħu wara għaxar minuti għidtlu, "Erħini, jien naħdem għall-familja." Għadni noħroġ mill-ħabs, ilni ħamsa u għoxrin (25) ġurnata, x'ħa nagħmel jien niġġieled?! Għadni ħamsa u għoxrin (25) ġurnata, ilhom tmien xhur il-familja jbagħtu u jien għandi sitt itfal, erba' minn tiegħi u tnejn mhux minn tiegħi, ... ... ilni tmien xhur ħabs, il-Gvern ma jtini xejn jew lil mara, u tistgħu tiċċekkjaw bl-ID card b'kollox. Jekk nieħu one cent mill-Gvern jien ħati u jien nagħmel kollox. Ma ħadt xejn, ilni tlett snin jew erba' snin lanqas it-tfal ma jtunix.*' Kien fit-triq tal-forn, ma kienx jaf li hu hemmhekk. Li '*Ħriġt u bqajt ġej sal-forn, imbagħad dort id-dawra, iltqajt mal-forn eżatt.*' Waqaf biex jixtri l-hobz. Ikkonferma li dahal biex jixtri u kien hemm dan ir-ragel bilwieqfa quddiemu. Ma gharfux li kien Mansur minn wara imbaghad dar u

x'hin dar gharfu li kien Mansur. Jghid li '*hu kien jgħid lil sħabi kollha, jgħidilhom, "lil dan ħa nwaddbu l-ħabs.*" Mistoqsi x'ghamel malli gharaf li kien Mansur wiegeb '*Bdejt immur lura u beda jtini, immur lura u beda jtini, itini tnejn daqqiet u jien ma ridt nirrispondi anke b'waħda, bqajt sejjer lura ngħidlu, "ara tagħmilli hekk! Ara tħassarli ħajti jien! Tini l-għodda," għidtlu, "ma rridx mingħandek xejn." Qal lil ħbiebi, għandi anke erbgħa minn nies oħrajn, jafhom huwa, joqgħod fejnhom, jgħidilhom, "Lil dak ħa nwaddbu l-ħabs! Lil dak ħa nwaddbu l-ħabs!*' Jghid li '*M'għamiltlu xejn jien*'.

Jghid li ghadu hiereg minn tmien (8) xhur habs, hamsa u ghoxrin (25) gurnata. Mhux li ha jmur jiggieled u ha jaghmel xi haga. Mistoqsi jekk cempilx lis-Sur Al Tabib wiegeb '*Ċempiltlu, għidtlu, "għala trid twaddabni l-ħabs?" għidtlu, "Ħallini bi kwieti, għadni noħroġ, jien ilni ħamsa u għoxrin (25) ġurnata barra." Għidtlu, "ma rridx problemi, ma rrid xejn." Ma ridtx li niġġieled, xejn, għidtlu, "Ħallini bi kwieti, għadni naħdem għall-familja jien." Għadni ħamsa u għoxrin (25) ġurnata biss barra. M'għamilt xejn, ma lħaqtx xejn naħdem, ma lħaqtx inħallas id-dawl u l-ilma.*'

Mistoqsi x'beda jghidlu quddiem il-forn wiegeb '*Ħa qalli "ħa nwaddbek il-ħabs." Għidtlu, "jien tini l-għodda u ma rridx inkellmek iżjed. Ħallini." U beda jtini, tini tnejn daqqiet hawnhekk bis-saħħa, jien mort lura, malli beda jtini ma ridtx naqbdu jew intih, jien nista' ntih ukoll imma lanqas waħda idejja ma erfajthomx, bdejt sejjer lura, mort kważi erba' metri lura mort, jidher fil-filmat.*' Qal li ma kienx xehed kontrih fil-kawza. Jghid '*Iva, xehed imma ma kienx kontrija, kien xehdha normali, hu ma kienx il-każ miegħu -*'. Jghid li ma heddux bil-familja, qatt ma heddu bil-familja. Qatt ma heddu li ha jaghmillu xi haga, ma ghandux ghalfejn jaghmillu xi haga. Mistoqsi '*Xħin inti mort fejn il-forn u rajtu, għalfejn ma dawwartx wiċċek u dort u qbadt triq oħra?*' wiegeb '*Jien wasalt kont se nixtri l-ħobż, f'dak il-ħin wasalt u hu beda, qalli "lilek ħa nwaddbek il-ħabs," għax diġa' qal lil tnejn minn nies oħrajn u hemm tlieta minn nies oħrajn issa barra ftakarhom li qalilhom hekk u anke nġibhom il-Qorti hawnhekk jixhdu li hu jieqaf fejnhom u jgħidilhom li "Abdussalam ħa nitfgħu l-ħabs jien." U għadu issa jiftaħar barra li hu jitfagħni l-ħabs.*' Ikkonferma li kien fuq pledge. Mistoqsi kienx jaf li mhux suppost javvicina xhieda tal-Prosekuzzjoni wiegeb '*Ma kontx naf li hu kien xhieda tiegħi. Jiena ħsibtha li x-xhieda tiegħi l-familja li miġġieled magħhom.*' Ikkonferma li meta inghata l-liberta' provizorja iffirma id-digriet u li qrah. Mistoqsi li kien jaf x'inhuma l-konsegwenzi jekk tavvicina xhieda tal-Prosekuzzjoni wiegeb '*Le, imma jien qaluli illi dawk ix-xhud il-familja li*

*ġġilidt magħhom u Marsalforn ma tmurx, u jien ma mortx fittixtu lil dan, hu ġie, iltqajna kumbinazzjoni, iltqajna hekk, ma kontx naf li hu hemmhekk jien mhux ħa mmur għalih.*' Jghid li x-shorts tieghu, li ghandu ritratti tieghu fuq il-mobile iehor. Dan ix-shorts xtrah mill-Libja, minn Tripli. Xtrah ghoxrin (20) dinar, u l-mara kienet libsitu ukoll kienet libsitu fl-Italja, kienu gejjin mill-Italja, xtrat l-Italja, ma kellhiex, taghha x-shorts taghha, libsitu l-mara tieghu.

Mistoqsi kif spicca ghand Al Tabib wiegeb li '*Għax mort bih ix-xogħol jien u ħallejtu fix-xogħol u l-għodda, fil-flat tax-Xagħra, u nafu l-flat sal-lum, u noħodkom għandu u nġibu s-sid tiegħu u jafni li jien ħdimt għandu.*' Jghid li x-shorts huwa tieghu, xtrah mil-Libja u l-mara tieghu libsitu.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik li taqra '*Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja hekk kif impost lilu nhar it-28 ta' Mejju 2020 minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.,* ***u dan bi ksur tal-artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***'

In vista tal-fatt li din il-Qorti permezz tas-sentenza datata l- 20 ta' Novembru, 2020 kienet annullat is-senteNza appellata u qieset li sejra tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu, din il-Qorti sejra tqis l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

L-allegazzjoni hija li l-appellant avvicina xhud tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Abduraouf Younis Mansur Altabib. Fl-ewwel lok ma hemmx dubju li Abduraouf Younis Mansur Altabib huwa xhud fil-kawza kontra l-imputat. Filfatt l-Ispettur Josef Gauci dwar '*Abdul Alfyounis Monsur Altabib*' bin-numru tal-karta tal-identita' 58794A xehed li '*Altabib huwa xhud tal-Prosekuzzjoni fl-istess kawza.*' Ghalkemm fit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur, l-isem tnizzel bhala '*Abdul Alfyounis Monsur Altabib*' mill-current incident report jirrizulta li isem u l-kunjom tal-persuna li rraporta lill-appellant fil-kawza odjerna u cioe' fit- 23 ta' Gunju, 2020 huwa 'Abduraouf Younis Mansur Altabib'. Ghalhekk ma hemmx dubju li s-Sur Altabib kien xhud tal-Prosekuzzjoni u l-appellant ma kellu qatt javvicinah jew ikellmu. In oltre' l-imputat stess jikkonferma fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu li kellem lis-Sur Altabib. Ghalkemm il-parte civile Abduraouf Younis Mansur Altabib fix-xhieda tieghu ma ftakarx id-data ta' meta sehh il-kaz u cioe' meta gie avvicinat mill-

appellant, id-data u cioe' t- 23 ta' Gunju, 2020 tirrizulta mill-Current Incident Report. In oltre' l-appellant stess fl-istqarrija tieghu datata l- 24 ta' Gunju, 2020 jghid li '*Ilbirah mort nixtri l-hobz mill-forn tax-Xiber f'xi nofsinhar, u iltqajt ma' Altabib hemmek.*' Spjega li '*Jiena sibtu liebes ix-shorts tieghi u kellemtu ghall-ghodda tieghi li hadha hu. Din l-ghodda kienet go flat ix-Xaghra. Altabib kien jahdem mieghi biex niksu l-flat tax-Xaghra. L-ghodda u x-shorts kienu go dan il-flat ix-Xaghra u meta gejt arrestat is-sena li ghaddiet, dawn baqghu x-Xaghra u hadhom hu.*' Spjega li '*Qedtlu giebli l-ghodda u qabad itini u qalli ha nitfak il-habs. Huwa qabbad il-karozza tieghu, mar u rega' gie u rega qalli ha nitfak il-habs. Jiena x'hin beda itini, mort lura jiena. Jiena kieku ridt stajt intih imma mort lura jiena.*' Jikkonferma ukoll li '*Cempiltlu fuq il-mobile tieghu, l-ewwel darba li kont cempiltlu u qedtlu l-ghodda tieghi tihieli u ma ridtx kummidji u glied mieghu. Dik hi.*' Spjega li '*Wara l-kwistjoni tal-forn, jiena cempiltlu fuq il-mobile u qalli gej u qalli li ha igibli l-ghodda, u ma gabli xejn.*'

L-imputat fix-xhieda tieghu moghtija fis- 17 ta' Lulju, 2020 spjega li '*Waqaft fejn fil-forn, imbagħad kellimtu.*' Spjega '*Kellimtu iva. Imbagħad beda jtini, itini, jien ma ridtx niġġieled. hawnhekk għandek il-video meta beda jtini bis-saħħa, jien mort lura mill-ewwel għax mhux ġejt biex niġġieled. Hawnhekk il-video jidher li jien qatt m'għamilt anke idejja hekk, m'għamilthom idejja fuq, m'għamiltx idejja, ma ġġilidtx xejn, ħadt it-tnejn daqqiet u kont bżajt...*' Jispjega li mar jixtri l-hobz u kif dar Mansur gharfu u li '*Bdejt immur lura u beda jtini, immur lura u beda jtini, itini tnejn daqqiet u jien ma ridtx nirrispondi anke b'waħda, bqajt sejjer lura ngħidlu, "ara tagħmilli hekk! Ara tħassarli ħajti jien! Tini l-għodda," għidtlu, "ma rridx mingħandek xejn." Qal lil ħbiebi, għandi anke erbgħa minn nies oħrajn, jafhom huwa, joqgħod fejnhom, jgħidilhom, "Lil dak ħa nwaddbu l-ħabs! Lil dak ħa nwaddbu l-ħabs!*" Spjega li quddiem il-forn beda jghidlu li ha jwaddbu il-habs u li l-imputat qallu biex jaghtih l-ghodda u li ma jridx ikellmu izjed.

Minn wiehed mill-filmati li jinstab fil-USB pen drive fir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Max Xuereb jirrizulta li fuq il-post l-ewwel wasal Abduraouf Younis Mansur Altabib bil-karozza, hareg mill-karozza u mexa. Kien qieghed wieqaf wiccu 'l gewwa, fejn din il-Qorti qieghda tifhem li kien qieghed ihares ghal gol-forn meta wasal l-appellant. L-appellant resaq wara Abduraouf Younis Mansur Altabib, jidher jitbaxxa u bhal donnu jaghmel mossa li tixbah meta persuna qieghed jigbed jew iccarat jew jiprova jcarrat xi haga li jista' jkun ix-shorts ta' Altabib u wara Abduraouf Younis

Mansur Altabib jagredixxi lill-appellant u l-appellant jersaq lura. Abduraouf Younis Mansur Altabib titlaq bil-vettura u wara li l-appellant jixtri l-hobz, Altabib jerga jidher isuq fid-direzzjoni opposta ta' minn fejn kien telaq u jidher jitkellem u jaghmel gesti bl-idejn versu l-appellant. Din il-Qorti tqis li anke jekk l-appellant iltaqa' ma' Abduraouf Younis Mansur Altabib b'kumbinazzjoni, hekk kif gharfu kellu jwarrab u mhux jitolbu l-ghodda u jargumenta dwar ix-shorts. Ghalkemm l-appellant u Altabib ma gewx mistoqsija biex jidentifikaw lilhom infushom fl-istills mehuda mill-filmat, gialadarba Altabib qieghed jallega li l-appellant qattalu x-shorts u din il-Qorti innutat li x-shorts tal-persuna li waslet bil-vettura kien imqatta, ghalhekk il-persuna l-ohra u cioe' dik li ghandha kappell f'rasha huwa l-appellant. Filfatt l-appellant stess fl-istqarrija tieghu b'referenza ghal Altabib jghid li qabad il-karozza tieghu, mar u rega gie. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-persuna li tasal l-ewwel bil-karozza hija Altabib filwaqt li l-persuna li giet bil-mixi wara Altabib hija l-appellant.

Qabel ma din il-Qorti tqis l-ewwel aggravju tal-appellant u dan stante li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tqis it-tieni aggravju imressaq mill-appellant u cioe' li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova. L-appellant issottometta li kien l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova ta' dak li qed tallega. Jissottometti li hemm hafna nuqqasijiet li ma jistghux ghajr iwasslu lil Qorti sabiex tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Jissottometti li l-Ewwel Qorti totalment skartat il-provi migjuba mid-difiza u sahansitra taghmel referenza ghal dokumenti mhux in atti sabiex tivverifika l-identita' tax-xhud Altabib u dan b'referenza ghal fejn il-Qorti qieset li Altabib ghandu karta tal-identita' Maltija. Din il-Qorti annullat is-sentenza appellata, izda dwar dak li jallega appellant fix-xhieda tieghu u cioe' li Abduraouf Younis Mansur Altabib mhuwiex il-vera isem tax-xhud, li dan ix-xhud kellu passaport iehor u li ghandu data ta' twelid differenti minn dak li jghid, din il-Qorti tqis li meta xehed Abduraouf Younis Mansur Altabib ghalkemm gie mistoqsi mid-difiza ghad-data tat-twelid tieghu, ma gie bl-ebda mod rinfaccat b'din l-allegazzjoni ta' identita' falza. In oltre', irrispettivament dwar jekk dan Altabib ghandux identita' falza, din ma timpingix fuq l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellant gialadarba jirrizulta li dan kien xhud fil-kawza kontra l-appellant fejn l-Ispettur Josef Grech iddikjara li Altabib huwa xhud tal-Prosekuzzjoni fil-kaz kontra l-appellant u fejn l-appellant

stess jikkonferma li dan ix-xhud xehed fil-proceduri li hemm kontrih u ghalhekk l-appellant ma kellu qatt javvicinah, ikellmu u jcempillu.

In kwantu l-allegazzjoni li ma ngabitx l-ahjar prova, l-appellant ghalkemm jissottometti li n-nuqqasijiet huma hafna, fir-rikors tal-appell tieghu jghid li l-Ewwel Qorti skartat il-provi migjuba mid-difiza u li rreferiet ghal dokumenti mhux in atti sabiex tivverifika l-identita' tax-xhud Altabib. Oltre' minn hekk ma jaghmilx referenza ghal x'kellu jkun l-ahjar prova. Din il-Qorti fl-ewwel lok temfasizza li l-Qrati iridu joqghodu fuq dak li jirrizulta mill-atti. Din il-Qorti anke jekk *ai fini* ta argument biss kellha tistrieh biss fuq l-istqarrija u xhieda moghtija mill-appellant, jirrizulta car li huwa kellem lil dan ix-xhud u irrispettivament jekk Abduraouf Younis Mansur Altabib ghandux propjament dak l-isem u jekk id-dettalji personali tieghu humiex minnhom, ma huwiex ikkontestat li huwa xhud fil-proceduri kontra l-imputat u li l-imputat kellem lil dan ix-xhud hdejn tal-Forn u in oltre' saret anke telefonata mill-appellant versu l-dan ix-xhud kif anke stqar l-appellant. Ghalhekk it-tieni (2) aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

In kwantu l-allegazzjoni li l-appellant ma kienx jaf li ma setghax ikellem lil dan ix-xhud, din il-Qorti tqis li mill-vera kopja tad-digriet ta' helsien mill-arrest datat it- 28 ta' Mejju, 2020 li jinsab a fol 11 u mmarkat bhala JG4, il-kundizzjoni tlieta (3) taqra 'li *ma tkellimx jew tavvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni*' ghalhekk gialadarba dan ix-xhud xehed u kien xhud tal-Prosekuzzjoni, irrispettivament jekk ix-xhieda tieghu kinitx ta' detriment ghall-imputat o meno, l-imputat xorta kien projbit milli jkellem jew javvicina lil dan ix-xhud.

Illi in kwantu l-ewwel aggravju, l-appellant issottometta li l-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi. Skont l-appellant il-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi b'mod partikolari tal-proviso tal-artikolu 579. Huwa jaghmel referenza ghall-dak li jiprovdi l-ewwel subartikolu u cioe' li l-prosekuzzoni kellha tipprova:

1. Li l-akkuzat interferixxa jew prova jinterferixxi ma' xhud;

2. L-azzjonijiet tal-akkuzat kienu ta' konsegwenza sejra.

Jissottometti li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar kundizzjoni numru (3) u cioe' li l-akkuzat ma ghandux ikellem jew javvicina la direttament u lanqas indirettament

lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Izda jghid li wiehed ghandu necessarjament jinterpreta din il-klawsola fl-ambitu tal-ligi u cioe' tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Jissottometti li fil-kamp penali wiehed ghandu dejjem japplika interpretazzjoni restrittiva u mhux kif ghamlet l-Ewwel Qorti li sahansitra wessghet is-sinifikat tal-artikolu in kwistjoni. Jissottometti li l-akkuzat bl-ebda mod ma interferixxa jew prova jinterferixxi max-xhud. Jissottometti li l-Qorti pruvat tinferixxi illi ghax l-akkuzat b'xi mod segwa b'ghajnejh lill-aggressur tieghu, allura dan ghandu jtellef ghat-telf tal-liberta' provizorja. Dwar dan, din il-Qorti tqis li mhijiex kwistjoni dwar jekk l-appellant segwiex lix-xhud b'ghajnejh izda l-fatt li avvicinah, kelmu u in oltre anke cempillu.

L-appellant jemfasizza l-importanza tal-proviso tal-istess subartikolu. Ghalhekk skontu b'applikazzjoni korretta tal-arikolu 579 inkluz tal-proviso tal-istess artikolu, l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija f'dan il-kaz u ghalhekk skontu ghandu jigi liberat totalment mill-akkuzi kollha li gew dedotti fil-konfront tieghu, inkluz mill-ewwel akkuza li taghha nstab hati.

L-**artikolu 579 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta illum jaqra:

'*(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

***Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.***

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija* ***għandu*** *jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*
*(4) Il-Pulizija tista' tidħol f'kull fond sabiex tiżgura li l-kondizzjonijiet imposti mill-qorti kif ingħad fis-subartikolu (1) ikunu qegħdin jiġu mħarsa. Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata b'reat taħt is-subartikolu (2).*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Id-dicitura tal-ewwel imputazzjoni hija kif isegwi:

> '*Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja hekk kif impost lilu nhar it-28 ta' Mejju 2020 minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.,* ***u dan bi ksur tal-artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta****.*'

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat jew reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Abdussalam Elfitouri, kif ukoll tordna s-somma ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u dan skont l-artikolu 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi taht l-**artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta persuna li

a. jonqos li jidher ghall-ordni tal-awtorita' imsemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija; jew

b. jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arest; jew

c. jinheba jew jitlaq minn Malta, jew

d. waqt li jkun mehlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wiehed ta' natura involontarja, jew

e. jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja il-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra

is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u jigi mahrug mandat ta' arrest kontra tieghu.

Ghalhekk **anke jekk persuna ma tkunx interferixxiet jew pruvat tinteferixxi max-xhieda** izda tkun naqset milli tosserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest ukoll tkun hatja ta' reat taht l-artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'dan li jekk il-Qorti tqis li l-ksur tal-kondizzjoni ma tkunx ta' konsegwenza serja, allura dik id-disposizzjoni ma ghandhiex tapplika u ghalhekk il-Qorti taht dan is-subinciz ghandha diskrezzjoni dwar jekk tikkonfiskax is-somma msemmija fl-obbligazzjoni favur il-Gvern ta' Malta.

Minn naha l-ohra taht it-tieni (2) subinciz, il-Qorti ma ghandhiex diskrezzjoni u meta ssib htija, tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' erba' (4) xhur sa sentejn (2) jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex diskrezzjoni taht dan is-subinciz u ghandha tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. In oltre', taht it-tielet (3) subinciz b'konnessjoni mat-tieni (2) subinciz, il-Prosekuzzjoni tista' titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna.

Il-Prosekuzzjoni ma ndikatx is-subartikolu li tahtu kienet qieghda takkuza lill-appellant kif wara kollox ma kelliex ghalxiex taghmel stante li l-Qrati ma humiex marbuta bl-artikoli li jigu indikati mill-Prosekuzzjoni fic-citazzjoni. Biss pero' jehtieg li din il-Qorti tqis id-dicitura tal-akkuza u t-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni biex tqis liema subartikolu jew subartikoli tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw.

Din il-Qorti tqis li gialadarba il-Prosekuzzjoni ghamlet talba sabiex jigi revokat *contrario imperio* id-digriet tal-helsien mill-arrest u li tordna r-rearrest tal-imsemmi Abdussalam Elfitouri u li tordna li s-somma ta' hdax-il elf ewro (€11,000) '*bhala garanzija personali*' jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, ifisser li dik it-talba rigwardanti r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid tal-imputat kienet qieghda ssir skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak is-subartikolu huwa abbinat mas-subartikolu (2) tal-artikolu 579 tal-istess Kapitolu.

Ghalhekk is-subartikolu applikabbli mhuwiex l-artikolu 579(1) izda huma l-artikoli 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif meqjus fis-sentenza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Stefan Muscat'**[6]**:**

*'L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li 'Illi l-Prosekuzzjoni ma' ndikatx l- artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed tintavola l-akkuza tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad- digriet tal-helsien mill-arrest. Madankollu d-dicitura tal-akkuza u* ***speċjalment il-fatt li l-Prosekuzzjoni ghamlet talba speċifika sabiex f'każ ta' htija din il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest in kwistjoni u tordna l-arrest mill- gdid tal-imputat*** *ma' thalli l-ebda dubbju illi l-Prosekuzzjoni qeghda tinvoka l-Artiklu 579(2) u (3) tal-Kap. 9 u mhux l-Artikolu 579(1). Dan ghaliex huwa biss taht l-Artikolu 579(3) - li huwa marbut mal-Artikolu 579(2) - illi l-Prosekuzzjoni tista' "fl- istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna".'*

*Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.'* (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti.)

Ghalhekk din il-Qorti tqis li s-subartikoli applikabbli in kwantu l-ewwel (1) imputazzjoni huma s-**subartikoli (2) u (3) tal-Kapitolu 579 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-ewwel (1) subartikolu tal-istess artikolu u ghalhekk il-Qrati irrispettivament ta' jekk il-ksur ikunx ta' konsegwenza serja o meno, huma obbligati li jimxu skont dak dispost taht is-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu in kwistjoni. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Din il-Qorti qieghda ghalhekk issib htija tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni (2) imputazzjoni taqra:

> *'U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u dan ghad-detriment ta' Abduraouf Younis*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2020 (Appell Numru: 133/2020)

*Mansur Altabib K.I. 58794A,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***'

L-allegazzjoni hija li l-imputat hassar ix-shorts li kien liebes Abduraouf Younis Mansur Altabib. Skont dak li jirrizulta mill-Current Incident Report, il-parte civile allega li l-qalziet tan-Nike jiswa' hamsin ewro (€50) u xtrah madwar sitt (6) snin ilu. Fix-xhieda ta' dan l-istess persuna ossia Abduraouf Younis Mansur Altabib jghid li x-shorts kien xtrah xi hamsin ewro (€50) hames (5) snin ilu u li xtrah minn Malta. Jghid ukoll li ma kienx imqatta qabel u li forsi bicca minnu kien mqatta' biss. Din il-Qorti tqis li ghalkemm mill-filmat tac-CCTV jidher li l-appellant resaq wara dan ix-xhud u tbaxxa vicin tieghu u ghamel mossa b'idejh bhal meta persuna qieghda tigbed jew iccarat xi haga, jirrizulta mill-filmat li meta wasal Abduraouf Younis Mansur Altabib fuq il-post hekk kif hareg mill-vettura tieghu u ghalhekk qabel ma wasal l-appellant, ix-shorts tieghu diga jidher imcarrat sew ghalkemm jista' jaghti l-kaz li dan kompla jiccarat stante li l-appellant jidher jitbaxxa u bhal donnu jaghmel mossa li tixbah meta persuna qieghed iccarat jew jiprova jcarrat xi haga li jista' jkun ix-shorts tal-iehor. Biss pero' din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ma gietx sufficentement ippruvata, tant li hemm anke dubju kemm dan ix-shorts kienx verament ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib jew kienx tal-appellant. Ghalhekk mhijiex issib htija tat-tieni (2) imputazzjoni.

Ikunsidrat;

Illi t-tielet (3) imputazzjoni taqra:

'*U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, heddidt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra taghha, jew biex jimmalafamjta li persuna/i ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.;***'

**Abduraouf Younis Mansur Altabib** fix-xhieda tieghu jaghti n-numru tieghu tal-mobile u cioe' 79517751 filwaqt li d-difiza fis-seduta tat- 8 ta' Lulju, 2020 iddikjarat li n-numru 99628845 huwa registrat f'isem l-imputat. Miriam Curmi in

rapprezentanza tas-socjeta' GO plc permezz tal-affidavit taghha prezentat call logs tan-numru 79517751 fejn minn fol 17 jirrizulta li saret telefonata minn 99628845 versu n-numru ta' 79517751 u cioe' ta' Altabib u dan fit- 23)ta' Gunju, 2020 fil-12:16:16 sa 12:16:32.

In oltre' l-appellant stess jistqarr li huwa kkomunika ma' Altabib u ghalhekk ma hemmx dubju li filfatt kien hemm komunikazzjoni telefonika. Biss pero' baqa' mhux ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni dak li l-appellant qal lil din il-persuna. Altabib jallega skont ir-rapport tal-Pulizija li l-imputat cempillu u beda jeddu biex imur fejnu biex jiggieldu. Minn naha l-ohra l-imputat fl-istqarrija jikkonferma li cempillu u qallu biex jaghtih l-ghodda tieghu u li ma ridtx kummidji u glied mieghu. Izda li qallu li ha jgiblu l-ghodda u ma gablu xejn. L-imputat fix-xhieda tieghu jghid li cempillu u saqsieh '*għala trid twaddabni l-ħabs?" għidtlu, "Ħallini bi kwieti, għadni noħroġ jien ilni ħamsa u għoxrin (25) ġurnata barra" Għidtlu "ma rridx problemi, ma rrid xejn." ma ridtx li niġġieled, xejn, għidtlu, "Ħallini bi kwieti, għadni naħdem għall-familja jien."*' Din il-Qorti ghalkemm ghandha suspetti taghha dwar dak li l-appellant setgha qal waqt din it-telefonata, izda anke tenut kont li x-xhud Abduraouf Younis Mansur Altabib mhuwiex dejjem kredibbli f'dak li jixhed tant li fix-xhieda tieghu jichad li agredixxa lill-appellant umbghad jghid li imbuttah, tqis li ma giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni x'kien id-diskors li ntqal mill-appellant waqt it-telefonata u ghalhekk din il-Qorti mhijiex issib htija tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi r-raba' (4) imputazzjoni taqra:

> '*U aktar talli ingurjajt jew heddidt lil Abduraouf Younis Mansur Altabib K.I. 58794A, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodiċi, anke jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni,* ***u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta****.*'

Din il-Qorti ukoll tqis li minhabba kunflitt fil-verzjoni moghtija mill-parte civile meta kkomparata ma' dik moghtija mill-appellant, il-Prosekuzzjoni ma lehqitx il-livell ta' prova mistennija li tressaq u ghalhekk mhijiex issib htija ta' din l-imputazzjoni.

In kwantu l-addebitu tar-recediva, il-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi s-sentenzi moghtija fil-konfront tal-appellant u ghalhekk lanqas din ma tista' tirrizulta.

Ikkunsdrat;

Illi in kwantu l-piena, din il-Qorti kif gia qieset aktar kmieni f'din is-sentenza, il-piena li trid tinghata in kwantu l-ewwel imputazzjoni hija skont dak dispost taht l-**artikolu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Biondy Clayd RAAFENBERG'</u>**[7]:

*'Fil-każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex diskrezzjoni jekk tordnax li l- ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandux jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta jew le. Il-Liġi hija tassattiva u bla kantunieri. Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill- kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l- ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja :*

*(a) il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien;* ***<u>u</u>***

*(b) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta;* ***<u>u</u>***

*(c) minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'dan ir-reat għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest;* ***<u>u</u>***

*(d) il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal- ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna;* ***<u>u</u>***

*(e) il-proċedimenti għal dan ir-reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal- ħelsien mill-arrest jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza;* ***<u>u</u>***

*(f) Il-Pulizija tista tidħol f'kull fond biex tiżgura li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti jkunu qegħdin jiġu mħarsa;* ***<u>u</u>***

*(g) Il-Pulizija tista' wkoll tarresta mingħajr mandat kull persuna suspettata ta' reat ta' ksur*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2019 (Appell numru 451 tal-2018)

*ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill- arrest.*

*11.F'dan l-isfond kollu għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx fis- sentenza tagħha ma tordnax il-konfiska tad-depożitu u tal- garanzija. L-appell tal-Avukat Generali jimmerita li jiġi milqugħ.'*

Din il-Qorti ghalhekk tassattivament trid tordna li l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta. Il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni dwar dan. In oltre' qieghda ukoll tirrevoka il-helsien mill-arrest u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat. B'zieda ma dan u *ai termini* tal-**artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' hames mitt ewro (€500).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li *ex officio* annullat is-sentenza appellata, wara li rat l-**artikoli 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda issib lill-appellant hati tal-ewwel (1) imputazzjoni izda mhijiex issibu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recediva u tilliberah minnhom. Qieghda tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' hames mitt ewro (€500). Tordna li l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat it-28 ta' Mejju, 2020 moghti mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud u cioe' d-depozitu ta' elf ewro (€1000) u l-garanzija personali ta' ghaxart'elef ewro (€10,000) u ghalhekk is-somma totali ta' hdax-il elf ewro (€11,000) tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta. Qieghda tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tal-imputat datat it- 28 ta' Mejju, 2020 u tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid.

Il-Qorti *ai termini* tal-**artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet** ta' Malta sabiex tiprovdi ghas-sigurta' tal-parte civile Abduraouf Younis Mansur Altabib qieghda tqieghed lill-appellant taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn ewro (€2000).

Din il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jigi investigat Abduraouf Younis Mansur Altabib dwar dak li jidher fil-filmat u cioe' fejn jidher jagredixxi lill-appellant, liema filmati gew esebiti mill-Prosekuzzjoni fic-CD immarkata bhala MX1, liema CD tinsab fir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti Max Xuereb, fejn l-istess espert kien ikkonverta cctv footages li kien hemm fuq id-DVD ghal fuq USB pen drive f''*mpeg4 format*' u liema USB pen drive tinsab fl-istess rapport.

In oltre' tordna ukoll lil Pulizija sabiex tinvestiga dak li qieghed jallega l-appellant fix-xhieda tieghu b'referenza ghad-dokumentazzjoni prezentata mill-appellant fix-xhieda tieghu dwar l-identita' ta' Abduraouf Younis Mansur Altabib.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur